



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Awwissu 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0166(NLE)

10107/20
ADD 1

UD 125
CID 5
TRANS 338

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Awwissu 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 361 final
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Amministrattiv għall- Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti koperti b'Carnets tat-TIR fir-rigward tal-proposta biex tiġi emendata l- Konvenzjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 361 final.

Mehmuż: COM(2020) 361 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.8.2020
COM(2020) 361 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Amministrattiv
għall-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti koperti
b'Carnets tat-TIR fir-rigward tal-proposta biex tiġi emendata l-Konvenzjoni**

HEMŻA

EMENDI GĦALL-KONVENZZJONI TIR

Emendi dwar l-użu obligatorju tal-Bank tad-*Data* Internazzjonali tat-TIR (ITDB)

1. L-Artikolu 38, il-paragrafu 2, l-ewwel linja

Minflok fi żmien ġimgħa *ikteb* mingħajr dewmien

2. L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni tal-Artikolu 38, il-paragrafu 2, it-tielet linja

Minflok jitqies *ikteb* għandu

3. L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni tal-Anness 9, il-Parti II, il-paragrafu 4

Minflok Ir-rekwiżiti legali għat-tressiq tad-*data*, kif stabbilit fil-paragrafu 4, jitqiesu li huma ssodisfati *ikteb* Id-*data*, kif stabbilit fil-paragrafu 4, għandha tiġi trazzmessa

4. L-Anness 9, il-Parti II, il-paragrafu 4, l-ewwel linja

Minflok fi żmien ġimgħa *ikteb* mingħajr dewmien

5. L-Anness 9, il-Parti II, il-paragrafu 4, tmiem il-paragrafu

Minflok f'konformità mal-awtorizzazzjoni kampjun meħmuża (MAF). *ikteb*, inkluż:

- (a) In-numru ta' identifikazzjoni individwali u uniku (ID) assenjat lill-persuna mill-assoċjazzjoni garanti, b'koperazzjoni mal-organizzazzjoni internazzjonali li magħha hi affiljata, f'konformità mal-format armonizzat iddeterminat mill-Kumitat Amministrattiv;
- (b) L-isem/ismijiet u l-indirizz(i) tal-persuna/i jew tal-intrapriża, f'każ ta' assoċjazzjoni tan-negozju, anki l-ismijiet tal-manigġers responsabbli;
- (c) Il-persuna tal-kuntatt b'informazzjoni sħiħa tal-kuntatt; u
- (d) In-numru tar-reġistrazzjoni kummerċjali jew in-numru tal-liċenzja tat-trasport internazzjonali jew numru ieħor (jekk ikunu disponibbli).

6. L-Anness 9, il-Parti II, il-paragrafu 5

Minflok it-test eżistenti *ikteb* L-assoċjazzjonijiet għandhom jitttrażmettu kull bidla fid-dettalji tal-persuni awtorizzati mingħajr dewmien mill-mument meta jsiru jafu biha lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Bord Eżekuttiv tat-TIR.

7. L-Anness 9, il-Parti II, il-Mudell tal-Formola ta' Awtorizzazzjoni (MAF)

Neħħi l-MAF meħmuż mal-Parti II tal-Anness 9 u t-test li jakkumpanjah

Emendi dwar il-pubblikazzjoni obligatorja tal-lista tal-uffiċċji doganali approvati biex iwettqu operazzjonijiet tat-TIR fl-ITDB

1. L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni ġdida 0.45

Żid in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.45-1 il-ġdida fl-Artikolu 45 tal-Konvenzjoni TIR li *taqra* kif ġej:

“0.45-1 Id-dispożizzjoni legali biex tiġi ppubblikata l-lista tal-uffiċċji doganali tat-tluq, tal-uffiċċji doganali en route u tal-uffiċċji doganali tad-destinazzjoni approvati biex iwettqu l-operazzjonijiet tat-TIR għandha titqies li hija ssodisfata permezz tal-użu xieraq ta' applikazzjonijiet elettroniċi żviluppati għal dan il-għan mis-segretarjat tat-TIR taħt is-superviżjoni tal-Bord Eżekuttiv tat-TIR.”

2. L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.45

Innumera mill-ġdid in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.45 eżistenti biex *issir* 0.45-2.

Emenda dwar il-faċilitajiet addizzjonali li l-partijiet kontraenti jistgħu jagħtu lill-operaturi tat-trasport

Żid Nota ta' Spjegazzjoni ġdida fl-Artikolu 49 li *taqra* kif ġej:

0.49 Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jagħtu aktar faċilitajiet lill-persuni debitament awtorizzati fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Il-kundizzjonijiet preskritti mill-awtoritajiet kompetenti għall-għoti ta' tali faċilitajiet jenħtieġ li mill-inqas jinkludu l-applikazzjoni ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni sabiex jiġi żgurat it-twettiq tajjeb tal-proċedura tat-TIR, l-eżenzjoni li jipprovdu l-oġġetti, il-vettura tat-triq, il-kombinament tal-vetturi jew il-container bil-Carnet tat-TIR fl-uffiċċji doganali tat-tluq jew tad-destinazzjoni, kif ukoll l-istruzzjonijiet għall-persuni debitament awtorizzati biex iwettqu l-kompiti speċifiċi fdati skont il-Konvenzjoni TIR lill-awtoritajiet doganali, bħal pereżempju, b'mod partikolari, il-mili u t-timbrar tal-Carnet tat-TIR u t-twaħħil jew il-verifika tas-siġilli doganali. Il-persuni debitament awtorizzati li jkunu ngħataw xi faċilità addizzjonali jenħtieġ li jistabbilixxu sistema ta' żamma tar-rekords li tippermetti lill-awtoritajiet doganali jwettqu kontrolli doganali u jissorveljaw il-proċedura u jwettqu kontrolli aleatorji. Il-faċilitajiet addizzjonali jenħtieġ li jingħataw mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tad-detenturi tal-Carnet tat-TIR kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni.

Emendi oħrajn

1. L-Artikolu 20, il-linja 1

Minflok it-test eżistenti *ikteb* Għall-vjaġġi fit-territorju ta' Parti Kontraenti jew diversi Partijiet Kontraenti li jiffurmaw unjoni doganali jew ekonomika, l-awtoritajiet doganali kompetenti

2. L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni tal-Artikolu 8, il-paragrafu 3, tmiem l-ewwel paragrafu

Minflok \$US 200 000 *ikteb* EUR 400 000